MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Rikors Numru. 11/2007/1

**Frangisk sive Cikku Fenech**

**vs**

**Emanuel Bugeja**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

“Illi huwa jikri lill-intimat Emanuel Bugeja cirka tomnejn raba b’kumpless rurali ghall-ghodda u hwejjeg ohra fuq l-ghalqa maghrufa bhala ‘Tal-Blajjet’ fil-kontrada ta’ Bingemma sive Ta’ Zebbiegh limiti tal-Imgarr versu l-qbiela ta’ tnax-il liri Maltin (Lm12) fis-sena pagabbli kull

nhar ta’ 15 t’Awissu ta’ kull sena, l-iskadenza li jmiss taghlaq fil-15 t’Awissu tas-sena 2006.

Illi huwa bzonn l-istess raba ghall-uzu tieghu billi huwa bidwi anzjan ta’ tmienja u sittin sena, bidwi li jircievi l-ebda penzjoni jew beneficcju socjali iehor li jipprovdi l-Istat u ghandu bzonn ir-raba kemm ghall-ghixien tieghu kif ukoll biex ikun jista’ jiffinanzja permezz tieghu kura medika li ghandu bzonn minhabba l-istat ta’ sahhtu u hekk ir-raba jithalla f’idejn l-intimat r-rikorrent ha jsoffri pregudizzju akbar minn dak tal-intimat.

Illi inoltre f’dawn l-ahhar snin l-intimat ma sewwiex u ma zammx fi stat tajjeb il-kumpless rurali li jintuza biex tinzamm l-ghodda u hwejjeg ohra tant li waqghu s-soqfa.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi ghar-ragunijiet fuq premessi, dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-imsemmi raba ossia ghalqa billi joghgbu jordna l-izgumbrament tal-intimat f’terminu qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, filwaqt illi jillikwida,  jekk ikun il-kaz, kull kumpens dovut lill-intimat skond il-ligi.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-intimat, debitament notifikat permezz tal-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni, naqas milli jirrispondi ghat-talba tar-rikorrenti u ma ressaq ebda prova favur tieghu. Ir-rikorrenti, kkonferma bil-gurament tieghu r-rikors minnu prezentat kif ukoll esebixxa ritratti u certifikat mahrug minn perit arkitett dwar il-kondizzjoni hazina tal-kamra li tinsab fl-ghalqa mqabbla lill-intimat.  B’hekk il-Bord huwa tal-fehma li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu sia kwantu ghal htiega tar-raba kif ukoll ghall-hsarat kawzati b’konsegwnza ta’ nuqqas ta’ manutenzjoni da parti tal-intimat.

Ghal dawn il-mottivi, l-Bord jilqa' t-talba u jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-ghalqa deskritt fir-rikors promutur u dan mit-2 ta' Jannar 2009 sa liema data l-intiamt ghandu jizgombra u jhalli libera l-istess.  Stante li l-ghalqa hija zdingata u l-kamra tal-ghodda fi stat imgarrab, l-Bord m'hu qed jiffissa ebda kumpens favur l-intimat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------